MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1031/2005

**GasanMamo Insurance Limited C 3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Outline Limited u l-istess Outline Limited**

**Vs**

**Daphane Cassar**

**It-Tribunal**

Ra t-talba ta’ l-atturi fejn talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti danni wara incident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz tat-talba.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li qalet li s-sewwieq assigurat mill-attur kien responsabbli ghall-incident.

Ra li skond ir-Rapport tal-Warden, David Borg li kien qed isuq il-vettura assigurata mas-socjeta' attrici qal:

"Kont niezel 'l isfel, x'hin wasalt fid-dawra BAF 303 daritli 'l gewwa ghal go triq ta' faccata."

David Borg halla ghaxar metri *brake marks*.

Skond l-istess Rapport il-konvenuta qalet:

"Kont gejja mit-Triq Assemblea Nazzjonali u kont se nibqa' tiela' 'l fuq x'hin rajt lil NXT 200 gej dawwart l-isteering 'il gewwa."

Fix-xhieda tieghu David Borg spjega li ra l-karozza tal-konvenuta gejja fid-direzzjoni opposta u din daret f'daqqa. Wara l-habta l-konvenuta qalet li riedet iddur fuq ix-xellug. Borg ikkonferma r-ritratti li juru kif waqfu l-vetturi.

Il-konvenuta qalet li kienet qieghda ssuq fid-direzzjoni ta' San Gwann. Hi riedet iddur fuq ix-xellug. Il-konvenuta qalet li x'hin rat lil Borg daret fuq il-lemin. Il-konvenuta qalet li spiccat kif muri fl-iskizz minhabba l-kollizjoni.

L-ewwel darba li ndunat bil-vann kien meta kienet se ddur fuq ix-xellug. Il-vann kien fuq in-naha taghha tat-triq meta ratu. Hi kienet fuq in-naha taghha. Meta daret giet *wrong side*. Il-konvenuta qalet li bil-qatgha li hadet minflok ibbrejkjat irragunat li kellha ddur fuq il-lemin.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuta daret lejn il-lemin meta rat lil Borg gej. Illi b'hekk grat il-habta. Il-konvenuta hadet decizjoni hazina meta daret fuq il-lemin. Kellha tibqa' fuq in-naha taghha. Meta kellmet lill-Warden wara l-incident il-konvenuta ma qalitx li Borg kien *wrong side*, qalet biss li daret 'il gewwa. L-incident kien rizultat ta' din il-manuvra tal-konvenuta li biddlet id-direzzjoni minghajr indicator u fl-ahhar mument.

Ghaldaqstant il-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident. Id-danni m'humiex ikkontestati. Gew

esebiti d-dokumenti u jidhru ragunevoli. It-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas tlett mitt lira Maltin (Lm300) lill-atturi bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta' Mejju, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------